MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

It-Tnejn,11 ta' Frar, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (6)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 58.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

58.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Kunsilliera LAG, il-Kunsillier JBO ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

58.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 58.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

58.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tas-sebgħa u ħamsin (57) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

58.2.1.1. Il-Kunsillier SZ talab li tigi emendata minuta 57.2.12 u jiżdied it-test "li hemm bejn il-Freeport, Bengħisa u Ħal Far (fejn hemm l-arbli) u s-suġġerixxa li jerġa' jibda x-xogħol fuq ir-riġenerazzjoni taż-żona". Il-Kunsill qabel.

58.2.1.2. Il-Vici Sindku JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier SZ favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

58.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 57.2.2 u qal li skont il-minuti tal-EMC ser ikun hemm rapport ġdid dwar il-ħsejjes.

58.2.2.1. Is-Sindku informa li mill-informazzjoni li għandu, ir-rapport imsemmi huwa lest u ser jiġi preżentat fil-laqgħa tal-EMC li jmiss.

58.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 57.2.11 li titratta dwar vetturi fil-prominad.

58.2.3.1. Huwa informa li rrapporta l-kaz lil LESA u l-Pulizija, li ħadu diversi azzjonijiet.

58.2.3.2. Is-Sindku JC irrimarka li qed jistenna l-kuntrattur sabiex itella' l-ħajt kif maqbul mill-Kunsill, fejn il-lukanda li hemm fil-Bajja s-Sabiħa ma' Misraħ is-Summit.

58.2.3.3. Il-Kunsill tkellem dwar l-użu ta' kameras tas-sigurta' eżistenti ta' persuni privati sabiex jinqabad min qed jabbuża, anke fil-prominad ta' Wied il-Buni.

58.2.3.4. Il-Kunsilier SZ żied jgħid li fetaħ każ ieħor mal-LESA u l-Pulizija marbut m'abbuż fi Triq Żarenu Dalli fejn mhux qed jiġu osservati l-ħinijiet t'aċċess ta' vetturi f'din it-triq waqt id-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola.

## 58.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

58.3.1. Is-Sindku JC informa dwar korrispondenza mill-ERA rigward ħaxix ħazin fil-baħar tal-Bajja s-Sabiħa.

58.3.1.1. Il-Kunsill innota li ż-żona swiedet u għaldaqstant l-ERA għandha tkompli bl-istudji tagħha.

58.3.2. Is-Sindku JC tkellem dwar laqgħa li saret mal-Kumpanija Faces, fir-rigward tal-*Bus Shelters*.

58.3.2.1. Is-Sindku JC irrimarka li s-*shelters* proposti mhumiex adekwati, għax ma jilħqux l-għan ta' protezzjoni mill-elementi.

58.3.2.2. Il-Kunsill qabel li jsir disinn ieħor, u jiġi propost lil Transport Malta.

58.3.3. Is-Sindku JC fakkar dwar ċirkulari SPI/1/2019 riċevuta mingħand id-Direttur Gvern Lokali - Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy li titratta dwar Korsijiet tal-Lifelong Learning. Il-Kunsill qabel li tiġi sottomessa applikazzjoni bħal tas-sena l-oħra.

58.3.4. Is-Sindku JC fakkar dwar ċirkulari SPI/2/2019 riċevuta mingħand id-Direttur Gvern Lokali - Strategija u Implimentazzjoni ta' Policy li titratta dwar kors – It-Tqassim tal-Ħin u l-Flus għall-Ġid ta' Saħħtek. Il-Kunsill qabel li għandu juri l-interess tiegħu.

58.3.5. Is-Sindku JC fakkar dwar ċirkulari SPI/3/2019 riċevuta mingħand id-Direttur Gvern Lokali - Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy li titratta dwar Manutenzjoni ta' Proġetti Maġġuri.

58.3.5.1. Il-Kunsill qabel li tigi sottomessa l-applikazzjoni skont il-proġetti imwettqa mill-Gvern Centrali.

58.3.6. Is-Sindku JC ressaq rapport mingħand resident dwar il-livelli tat-toroq ta' Bengħisa, mibgħut minn resident.

58.3.6.1. Is-Sindku informa li jidher li kien hemm xi ħadd li tefa' xi konkos fl-isqaq waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet, iżda ħadd ma jaf min tefa' dan il-konkos.

58.3.6.2. Il-Kunsill qabel li jintbagħat ir-rapport lil Transport Malta.

## 58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

58.4.1. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar il-possibilta' li jitneħħew il-kontenituri tal-Bring-in-Sites minn Triq F.M. Ferretti, u minflokom issir ATM.

58.4.1.1. Is-Sindku informa li saret laqgħa mal-Perit fir-rigward tas-*survey* li sar għal dik l-*area* sabiex isiru l-kambjamenti li hemm bżonn, fosthom it-tneħħija ta' dawn il-kontenituri, minħabba li ser isir żvilupp tal-bini eżatt mal-istess ħajt, u possibilment issir l-ATM f'dik iż-żona.

58.4.2. Il-Kunsilliera JBD staqsiet dwar jekk il-bus stop ta' Triq San Patrizju hux ser jiċċaqlaq.

58.4.2.1. Is-Sindku informa li hekk kif maqbul fl-aħħar laqgħa, saret talba lil Transport Malta, li tinkludi wkoll arranġament tat-traffiku differenti għall-istess triq.

58.4.3. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk kienx hemm rapporti ta' kelb magħruf perikoluż, li qed jitħalla jiġri barra minn sidu, mingħajr ċinga u mingħajr sarima.

58.4.3.1. Il-Kunsill qabel li għandu jsir rapport lill-pulizija dwar dan, biż-żona indikata tkun speċjalment bejn l-iskola u Dawret Qalb Imqaddsa.

58.4.4. Il-Kunsilliera JBD irreferit għax-xogħol li qed isir fi Triq Tal-Papa, u staqsiet jekk hemmx xi arbli li ser jiġu f'nofs il-bankina, hekk kif allegatament ġie rrapportat lilha.

58.4.4.1. Is-Sindku talab li tgħaddi l-informazzjoni dettaljata lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi identifikat il-każ.

58.4.5. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar l-asfaltar ta' Triq Tal-Papa li qed isir minn Transport Malta, u dwar il-bżonn li ssir koordinazzjoni sabiex nieħdu ħsieb l-ilma tax-xita, linji

tat-toroq, *road humps*, *gutters* tal-ilma għall-bdiewa. Huwa staqsa wkoll sabiex jiżdiedu l-arbli tad-dawl.

58.4.5.1. Is-Sindku wieġeb li hu qed ikun fuq il-post biex jieħu ħsieb dawn l-affarijiet. Huwa offra lill-Kunsillier SZ jattendi f'*site visit* flimkien miegħu.

58.4.6. Il-Kunsillier SZ irrefera għal Triq Għar Dalam u staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta' li ssir manutenzjoni tat-triq u li l-ilma tax-xita jiġi devjat għal ġol-wied, immedjatament wara li jsir ix-xogħol tad-drenaġġ.

58.4.6.1. Is-Sindku informa li hekk huwa ppjanat diġa' minn Infrastructure Malta.

58.4.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għaż-żona ta' Għar Ħasan, u li riċentament tnaddfet minn Clean Malta. Huwa staqsa jekk jistax isir ftit miljorament, bħal bankijiet, *bins*, u tidħol fl-iskeda ta' tindif.

58.4.7.1. Is-Sindku informa li din titnaddaf regolarment, iżda hemm kamra partikolari li dejjem hija suġġetta għall-rimi ta' skart b'mod abbużiv. Il-Kunsill qabel li ssir talba sabiex din titwaqqa'.

58.4.7.2. Is-Sindku informa li ħa nota tas-suġġeriment għall-miljorament.

58.4.8. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-prominad ta' Wied il-Buni u staqsa dwar devoluzzjoni.

58.4.8.1. Is-Segretarju informa li l-ebda prominad mhu devolut lil-Kunsill.

58.4.9. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta' li jitwaħħlu bankijiet fi Triq il-Port Ħieles, fejn il-grawnd tal-futbol.

58.4.9.1. Is-Sindku informa li kif jinqalgħu dawk ta' Wied il-Buni minħabba l-proġett, jitwaħħlu hemm.

58.4.10. Il-Kunsillier SZ staqsa x'hemm affarijiet pendenti ma' Transport Malta.

58.4.10.1. Huwa kien infurmat li ser issir verifika.

58.4.11. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-possibilta' li ssir manutenzjoni tal-bankini ta' Triq Tlettax ta' Diċembru.

58.4.11.1. Is-Sindku informa li hemm l-offerta tal-bankini u anċillari miftuħa.

58.4.11.2. Il-Kunsill qabel li għandha ssir lista bil-prijoritajiet ta' bankini li għandhom bżonn manutenzjoni, sabiex eventwalment isir ix-xogħol mal-għoti tal-kuntratt.

58.4.12. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta' li jinżabru s-siġar ta' Triq San Patrizju.

58.4.12.1. Is-Sindku informa li dawn ser isiru dalwaqt mill-ELC.

58.4.13. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar ix-xogħol fi Triq il-Brolli, u qal li apparti li r-ritmu tax-xogħol huwa wieħed kajman, hemm munzell materjal fit-tarf, kantuniera ma' Triq il-Port Ħieles, u staqsa jekk dan jistax jitneħħa.

58.4.13.1. Is-Sindku informa li dan ser jintuża għall-irdim tal-kanal li qed jiġi imħaffer.

58.4.14. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-possibilta' li jsir spazju ta' parkeġġ riservat quddiem l-ispiżeriji, għall-kumdita' tal-anzjani sakemm jiġbru l-mediċini.

58.4.14.1. Is-Sindku talab lill-Kunsillier SZ jivverifika mar-regoli ta' Transport Malta jekk dawn jeżistux.

58.4.15. Il-Viċi Sindku JB ġibed l-attenzjoni li f'diversi okkażżjonijiet, kien hemm karozzi li żgidjaw f'Dawret Qalb Imqaddsa, fejn il-Waterpolo Pitch u staqsa jekk hux possibbli jsiru *rumble strips* jew *antiskid.*

58.4.15.1. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir xogħol ta' miljorament f'din iż-żona, possibilment isir *antiskid,* hekk kif isir l-aġġustament fil-parkeġġ.

58.4.16. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li hemm tappiera fi Triq il-Mandolina li qed tagħmel ħafna storbju u staqsa jekk il-Kunsill ħax azzjoni.

58.4.16.1. Is-Sindku irrimarka li t-tappiera hija tal-Water Services u intbagħat rapport lilhom. Huwa żied jgħid ukoll li nelfrattemp, kien hemm diversi interventi mill-ħaddiema tal-Kunsill.

58.4.17. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għad-diskors li sar fil-Parlament fejn il-Membru Parlamentari l-Onor. Hermann Schiavone, qal li qed jinħaraq l-Heavy Fuel Oil fil-Qajjenza. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li l-Ministru l-Onor. Joe Mizzi wieġbu

korrettament, li mhux jinħaraq xi tip ta’ żejt, imma jissaħħan sabiex ikun jista’ jiġi trasferit.

58.4.18. Il-Viċi Sindku JB staqsa dwar il-possibilta’ li jsiru s-sistemi tad-drenaġġi fl-isqaqien relevanti, qabel isiru x-xogħlijiet fi Triq Għar Dalam.

58.4.18.1. Is-Sindku informa li ressaq tali suġġeriment lil *Infrastructure Malta.*

**NB: 6.20pm - Il-Kunsillier AC attenda għall-laqgħa**

58.4.19. Il-Kunsillier AC irrimarka li hemm xi imbarazz fil-parkeġġ ta’ San Ġorġ, li allegatament huma tal-V18, u li għadhom ma nġabrux, u staqsa meta ser isir it-tindif neċessarju.

58.4.19.1. Is-Sindku wieġeb li l-materjal tal-V18 ilu żmien li nġabar.

58.4.20. Il-Kunsillier AC irrimarka li l-Għaqda tas-Sajjieda qalgħu l-kurduna mill-parkeġġ, hekk kif approvat mill-Kunsill, iżda l-konkos għadu ma sarx.

58.4.20.1. Is-Sindku JC informa li huwa kien infurmahom li x-xogħol kollu għandu jkun a spejjeż tagħhom.

58.4.21. Il-Kunsillier AC staqsa jekk hemmx xi żvilupp wara s-*survey* li sar ta’ Triq F.M. Ferretti.

58.4.21.1. Is-Sindku informa li saret laqgħa mal-Perit fuq dan, u qed nistennew il-proposta.

58.4.22. Il-Kunsillier AC irrimarka li fir-reġistru tax-xogħlijiet, jinnota kontinwament li jsir ġbir ta’ ħafna mbarazz minn-toroq differenti. Huwa staqsa fhiex jikkonsisti dan.

58.4.22.1. Is-Sindku wieġeb li dan huwa servizz addizzjonali mill-Kunsill fejn jinġabar kuljum trakk sħiħ imbarazz li ċertu nies jogħġobhom jarmu barra b’mod abbużiv.

58.4.23. Il-Kunsillier AC staqsa jekk hemmx xi data meta ser jitranga l-parkeġġ ta’ Dawret Qalb Imqaddsa, quddiem il-Waterpolo Club.

58.4.23.1. Is-Sindku irrimarka li dan huwa ttamat li jkun jista’ jsir jekk tingħata l-offerta li hemm bħalissa miftuħa għal-xogħlijiet ta’ bankini u ancillari.

58.4.24. Il-Kunsillier AC staqsa jekk jistax isir *railing* fejn hemm it-taraġ li jagħti għal fuq il-blat, viċin ir-ristorant Ferretti.

58.4.24.1. Is-Sindku informa li saret talba lill-garaxx tal-gvern fuq dan. Is-Sindku irrimarka wkoll li l-idejali huwa li ssir bankina f'dik il-parti.

58.4.25. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-laqgħat pubbliċi bis-suġġetti hekk kif issuġġerixxa.

58.4.25.1. Is-Sindku talbu jispjega jekk għandux informazzjoni huwa fuq is-suġġetti imsemmija, minħabba li dak suġġerit huma suġġetti ta' entitajiet oħra. Is-Sindku kompla spjega li kif kien minn dejjem, kull min ikollu mistoqsija, għandu jibgħata l-uffiċċju amministrattiv u jingħata t-twegiba skont il-każ, u mhux bilfors issir laqgħa fuq kull mistoqsija.

58.4.25.2. Il-Kunsillier AC ġab eżempju tal-proġett ta' tisbiħ tal-prominad ta' Triq San Patrizju. Is-Sindku informa li l-proġett huwa ta' Projects Plus, li għad irid jiġi imħabbar mill-Ministru kkonċernat. Huwa informa wkoll li l-perijodu tal-konsultazzjoni mal-pubbliku ikun dak kif normalment isir f'kull każ simili, matul l-applikazzjoni tal-Planning Authority.

58.4.26. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-passaġġ ta' ħdejn il-pitch tal-waterpolo, li qatt ma ġie rranġat, u staqsa jekk jistax isir intervent.

58.4.26.1. Il-Sindku informa li tali passaġġ għandu jsir bil-konkrit u mhux b'xi pjattaforma ta' materjal temporanju. Dan ifisser li trid issir applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

58.4.26.2. Il-Kunsill qabel li ssir it-talba sabiex dan isir.

## 58.5 Rapporti;

58.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport imħejji mill-bord maħtur għall-evalwazzjoni tan-nomini ta' Jum Birżebbuġa.

58.5.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li kien jippreferi sistema ta' punteġġi fuq kull applikazzjoni għall-iktar trasparenza.

## 58.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

58.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 58.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

58.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 02/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

58.7.1.1. Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi tnaqqis mill-pagamenti tal-kennies.

58.7.1.1.1. Huwa kien infurmt li kien hemm 10% u 5% mill-kontijiet ta' Settembru u Novembru rispettivament, u dan wara diversi nuqqasijiet.

58.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsilliera JBD , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

58.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Jannar 2019 bir-riferenza 1/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

58.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

58.7.3. Is-Sindku ippropona li jinxtraw għaxar (10) *Dog Bins.*

58.7.3.1. Il-Kunsill approva unanimament.

58.7.3.2. Il-Kunsill qabel li jsir inventarju separat għal dawn l-assi.

## 58.8 Mozzjonijiet;

58.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 58.9 Traffiku u Parkeġġ;

58.9.1. Il-Kunsillier SZ ressaq proposta għall-immaniġġjar tat-traffiku għal Triq Tal-Ġebel ma' Triq ir-Raddiena.

58.9.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel mal-proposta imressqa, u li għalhekk għandha titpoġġa għall-konsultazzjoni mal-pubbliku.

58.9.1.2. Il-Kunsillier SZ intalab sabiex jipprepara l-pjanti relevanti għall-pubbliku.

58.9.2. Il-Kunsill tkellem dwar id-disinn propost mill-Perit għall-junction fi Triq Sant' Anġlu kantuniera ma' Triq Santa Rita.

58.9.2.1. Il-Kunsill approva disinn 02 datat 16/01/2019.

58.9.3. Il-Kunsillier SZ innota li hemm diversi talbiet sabiex isiru *road humps* fi Triq iż-Żurrieq, u għaldaqstant ser ikun qed jipproponi disinn adekwat.

58.9.4. Il-Kunsill innota li waslet l-approvazzjoni sabiex isiru *zebra crossings humped* fi Triq Birżebbuġa, u li qed nistennew mill-kuntrattur sabiex isir dan ix-xogħol.

## 58.10 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

58.10.1. Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill applikazzjonijiet bin-numru PA 00799/19 u PA 00807/19 li jitrattaw żewġ applikazzjonijiet fi Sqaq il-Ġurġier

58.10.1.1. Is-Sindku informa li l-PA intalbet sabiex tqis dawn iż-żewġ applikazzjonijiet bħala applikazzjoni waħda għall-finijiet ta' Environmental Impact Assessment.

58.10.1.2. Il-Kunsillier SZ propona li ssir oġġezzjoni fid-dawl tal-fatt li l-iżvilupp huwa intensiv, u għaldaqstant għanda ssir talba sabiex jiġu sottomessi dettalji li jinkludu fost oħrajn *Traffic Management* għaż-żona, faċilitajiet ta' parkeġġ, u toroq li ser jinfetħu.

58.10.2. Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill applikazzjoni bin-numru PA 00239/19 li titratta class 3B Hotel.

58.10.2.1. Il-Kunsill qabel li għandu jsir rapport u rakkomandazzjoni mill-konsulent tal-Kunsill.

## 58.11 Street Lighting;

58.11.1. Il-Kunsill iddiskuta talba sabiex issir lampa ma' arblu eżistenti fi Triq Tar-Ranżija.

58.11.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

58.11.2. Il-Kunsillier SZ ressaq proposta għad-dwal f'Misraħ il-Knisja.

58.11.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiżdied id-dwal, iżda possibilment tinstab alternattiva sabiex jiġu evitati l-arbli.

## 58.12 Attivitajiet;

58.12.1. Is-Sindku fakkar dwar l-attivita' Karnival f'Birżebbuġa, li ser issir fit-2 ta' Marzu kif maqbul. Is-Sindku talab lill-Kunsillier SZ jipprepara d-disinni tar-rotta, sabiex issir l-applikazzjoni tal-permess mal-Pulizija.

58.12.2. Is-Sindku fakkar dwar l-attivita' Regatta f'Birżebbuġa, li hija ppjanata għat 28 ta' Settembru.

58.12.3. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita' ta' U11 YFA Football and Cultural Event fejn ser jipparteċipaw il-Birżebbuġa Windmill F.C.

58.12.3.1. Il-Kunsill approva li jassisti sabiex jitwettaq programm kulturali għat-tfal li ser jipparteċipaw.

58.12.4. Is-Sindku informa li 'Festa Nar' imtella' mir-Reġjun Nofsinhar ser issir fl-10 u 11 ta' Mejju. Huwa informa li dan ser jittella' f'Birżebbuġa u fl-Imqabba.

## 58.13 Offerti Pubbliċi;

58.13.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata maż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi.

58.13.1.1. Is-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa' u jagħlaq dan il-każ b'mod immedjat.

58.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta ta' Servizz ta' Perit.

58.13.2.1. Fuq proposta tal-Viċi Sindku JB, issekondata mill-Kunsilliera JBD, il-Kunsill laqa' unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-bord.

58.13.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta ta' Servizz ta' Handyperson.

58.13.3.1. Fuq proposta tal-Kunsilliera JBD, issekondata mill-Viċi Sindku JB, il-Kunsill laqa' unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-bord.

58.13.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li infetħu l-offerti għall-bejgħ tal-*fencing tale quale.* Il-Kunsill innota li kien hemm offerta waħda sottomessa, b'valur ta' €220.

58.13.4.1. Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta ma tiġix ikkunsidrata minħabba li l-offerta sottomessa kienet baxxa wisq.

58.13.5. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-offerta marbuta mal-fondi tal-Gal Xlokk, li titratta xogħlijiet fi Ġnien il-Kunsill, liema dokument ġie iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

58.13.5.1. Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi ppubblikata l-offerta.

58.13.6. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq id-dokument tal-offerta taż-Żamma u Manutenzjoni ta' Ġonna u Soft Areas, li ġie iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

58.13.6.1. Il-Kunsillier SZ talab sabiex Misraħ San Gorg Preca, soft area fi Triq il-Port Ħieles fejn is-*substation* u *hedging* ta' fejn il-grawnd tal-futbol jiżdiedu max-xogħlijiet.

58.13.6.2. Il-Kunsill qabel unanimament mal-ħruġ tal-offerta, bil-korrezzjonijiet imsemmija mill-Kunsillier SZ.

## 58.14 Proġetti u Xogħlijiet;

58.14.1. Is-Sindku irrefera għal-laqgħa li saret fir-rigward tat-tisbiħ tal-Prominad ta' Triq San Patrizju, li saret ma' Projects Plus, u li għaliha kien hemm mistiedna l-membri tal-Kunsill u d-disinjatur tal-proġett.

58.14.1.1. Il-Kunsill iddiskuta liberament il-proġett, u qabel unanimament mat-tisbiħ propost.

## 58.15 General Data Protection Regulations (GDPR)

58.15.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq id-Dokument "Data Protection Policy", li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

58.15.1.1. Il-Kunsill approva.

58.15.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq id-Dokument “Retention Policy”, li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

58.15.2.1. Il-Kunsill approva.

58.15.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq id-Dokumenti “Cameras Policy”, għal kull *site* fejn hemm il-Cameras, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

58.15.3.1. Il-Kunsill approva.

58.15.4. Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il-Data Protection Officer u dwar il-bżonn li dan jiġi maħtur.

58.15.4.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva li jingħaqad mar-Reġjun fi ħruġ ta’ offerta komuni.

## 58.16 Uffiċjal fi Skala 11;

58.16.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, skont kif approva il-Kunsill, ser jibda l-proċess t’ingaġġ ta’ persuna oħra fl-amministrazzjoni. Huwa ssuġġerixxa li fl-istess waqt, isir konsolidament fl-irwoli eżistenti, u għalhekk tinħareġ s-sejħa interna għall-Assistent Prinċipal fi skala 11, bl-irwol marbut mal-finanzi u riżorsi umani, u sussegwentament sejħa interna għall-Uffiċjal Eżekuttiv bl-irwol ta’ Amministrazzjoni u Customer Care, u eventwalment sejħa għal skrivana fil-Customer Care.

58.16.2. Il-Kunsill qabel unanimament.

58.16.3. Il-Kunsillier SZ talab li sadanittant, jiġu ċirkulati l-*Job Descriptions* relevanti.

## 58.17 Ħlas ta’ Spejjeż ta’ Bankina.

58.17.1. Il-Sindku ressaq għad-diskussjoni, talba li reġgħet ġiet imressqa minn resident, dwar rimbors ta’ spejjeż li għamel fuq il-bankina ta’ quddiemu.

58.17.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li jekk f’xi stadju, ir-resident kien infurmat li ser jiġi rimborsat, dan għandu jsir, jekk le, ma jsirx rimbors.

58.17.3. Il-Viċi Sindku qal li hu jaqbel ma' dak li qal il-Kunsillier SZ.

58.17.4. Is-Sindku informa li seta' inftiehem ħażin, għax meta huwa tah l-approvazzjoni, dan kien sabiex isir ix-xogħol, u ma fissirx li ser ikun a spejjeż tal-Kunsill.

58.17.5. Il-Kunsilliera JBD, irrimarkat li jekk resident għamel l-ispejjeż, għandu jiġi rimborsat.

58.17.6. Wara diskussjoni libera, il-Viċi Sindku JB ippropona li l-Kunsill iħallas nofs l-ispejjeż mitluba u jingħalaq il-każ. Il-Kunsillieri SZ, AC , u s-Sindku JC qablu, filwaqt li l-Kunsilliera JBD ma qablitx. Għaldaqstant ġie deċiż li r-resident jingħata nofs l-ispejjeż.

## 58.18 Financial Statements 2018

58.18.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-"*Financial Statements*" għas-sena 2018, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

58.18.1.1. Fuq proposta tal-Kunsilliera JBD, issekondata mill-Kunsillier AC, il-Kunsill approva unanimament.

## 58.19 Skart Riċiklabbli

58.19.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li permezz ta' Ċirkolari 3/2019, ingħatat direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern lokali dwar il-proċedura għall-għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat.

58.19.2. Il-Kunsill qabel unanimament li jibda l-proċess.

## 58.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

58.20.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 18 ta' Marzu 2019.

Konfermati, illum 18 ta' Marzu, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |